**5 ta' Ottubru, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D.**

Avukat Dottor Franz Refalo *noe*

*versus*

Paul Caruana

**Inċident tat-Traffiku - Assikurazzjoni Komprensiva - Karozza tal-Kiri - Nuqqas ta' Tħaris ta' Kondizzjoni Imposta fil-Polza da parti ta' Agent**

*Il-Wembley Garage, sid ta' karozza tal-kiri - li kienet assikurata b'mod komprensiv - għaddiha lill-aġent Frank's Garage. Dan kriha lil*

*individwu li bħala* driver *addizjonali kellu miegħu lill-konvenut, li kien għad għandu 20 sena, meta l-polza tkopri xufier ta' 21 sena. L-attur fittex lill-konvenut għal danni wara inċident tat-traffiku. Dan ikkjama fil-kawża lil Frank's Garage.*

*Il-Qorti jidhrilha li kienu x'kienu r-relazzjonijiet interni bejn il-kjamat fil-kawża, il-prinċipal tiegħu l-Wembley Garage, u l-kumpannija assikuratriċi, jibqa' l-fatt illi bejn il-kjamat fil-kawża u l-konvenut kien hemm kuntratt ta' assigurazzjoni komprensiva li kienet tkopri anke s-sewqan mill-konvenut Paul Caruana avolja dan kellu biss, kif iddikjarat, 20 sena. Bl-ebda mod ma jista' jiġġova lill-kjamat fil-kawża l-fatt li fil-polza ta' assigurazzjoni kien hemm minimu ta' eta' ta' 21 sena biex il-polza tkun tkopri validament; kif lanqas jista' jinvoka bħala ġustifikazzjoni l-injoranza ta' din il-klawsola da parti tiegħu. Ċertament il-kerrej ma kien jaħti xejn. Ir-responsabbilita' tal-kjamat fil-kawża għalhekk toħroġ kemm mill-kuntratt ta' kiri li bih hu kien obbliga ruħu li jipprovdi* comprehensive cover *lill-kerrej kif ukoll mil-liġi - l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) u l-Att VII ta' l-1990.*

Il-Qorti:-

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur *nomine* ppremetta:

"Illi fl-erbgħa u għoxrin ta' Awissu ta' l-elf disa' mija sitta u tmenin (24.8.1986) għall-ħabta tas-2.00 p.m. waqt li Taddeo Mizzi kien nieżel bil-vettura tiegħu numru ittra "S" tmienja, erbgħa, wieħed, wieħed (S-8411) fi Triq l-Imġarr, limiti ta' Vittorja Għawdex fid-direzzjoni tax-Xewkija;

Illi b'manuvra anti-regolari għall-aħħar il-konvenut Paul Caruana li kien qed isuq il-vettura bin-numru ittra "H" wieħed,

tnejn, tnejn, żero (H-1220) u li kien ġej mid-direzzjoni ta' Triq ix-Xagħra u dan baqa' ħiereġ għal fuq il-*main road* mingħajr ma waqaf;

Illi per konsegwenza u tort unikament ta' l-istess konvenut Paul Caruana dana baqa' dieħel fil-vettura ta' Taddeo Mizzi u dana kif jiġi dettaljatament ippruvat waqt il-kors tal-kawża dana Taddeo Mizzi sofra danni konsistenti f'riparazzjonijiet tal-vettura tiegħu kif ukoll fi ħlas ta' kiri ta' karozza għall-perijodu li tulu kienet qed tissewwa l-vettura tiegħu;

Illi dana l-inċident ġara unikament tort tal-konvenut minħabba imperizja, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-inċident li ġara fl-erbgħa u għoxrin ta' Awissu ta' l-elf disa' mija u sitta u temenin (24.8.1986) fi Triq l-Imġarr, limiti ta' Vittorja, Għawdex, għall-ħabta tas-2.00 p.m.;

Tillikwida d-danni kollha sofferti minn Taddeo Mizzi;

Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur *nomine* d-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-ewwel (1) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija sitta u tmenin (1986) mibgħuta lill-konvenut u kontra l-kumpannija assikuratriċi";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-attur

*nomine*;

*Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paul Caruana li* biha eċċepixxa:

"Illi hu qatt ma ċaħad responsabilita' għall-inċident;

Illi meta kera l-karozza H-1220 mingħand Frankie Refalo ta' Frank's Garage, 106 Triq Sannat, Għawdex, il-karozza kellha tkun *comprehensively insured* (Dok. A) u għalhekk qed tintalab il-kjamata in kawża ta' dan;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Paul Caruana;

Rat id-digriet tagħha tat-12 ta' Marzu, 1987 li bih il-Qorti ordnat il-kjamata fil-kawża ta' Frankie Refalo ta' Frank's Garage ta' Vittorja, Għawdex;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijet ta' l-istess kjamat fil-kawża Refalo li biha eċċepixxa:

"Illi l-konvenut m'għandu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur *nomine* u ma kellu x'jaqsam xejn ma' inċident stradali in kwistjoni u ma huwa responsabbli għal xejn di fronti ta' l-attur *nomine*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt";

Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata u l-lista tax-xhieda tal-kjamat

fil-kawża Frankie Refalo;

*Omissis*;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat il-verbal tat-18 ta' Lulju, 1995 li bih il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Din il-kawża ġiet ipprovokata minn inċident stradali bejn vettura misjuqa minn Taddeo Mizzi, l-attur u oħra misjuqa minn Paul Caruana, illum mejjet. L-inċident ġara fi Triq l-Imġarr, limiti ta' Vittorja, Għawdex. Jirriżulta ppruvat illi Mizzi kien qed isuq fit-triq prinċipali fid-direzzjoni tax-Xewkija meta l-konvenut Caruana tela' minn Triq ix-Xagħra - triq minuri fir-rigward ta' Triq l-Imġarr - bla ma ħa l-prekawzjonijiet debiti baqa' ħiereġ għal fuq l-arterja prinċipali u ħabat mal-vettura ta' l-attur. Hu ppruvat u ma hu kkontestat minn ħadd illi Caruana ma waqafx kif kien fid-dover tiegħu li jieqaf biex jesplora t-triq qabel rifes fuq il-*main road* u kien dan in-nuqqas tiegħu li jirriżulta li kien il-kawża prossima u immedjata tas-sinistru;

Infatti fl-eċċezzjonijiet tiegħu Caruana qal bla tlaqliq illi "hu qatt ma ċaħad ir-responsabilita` għall-inċident". Kien każ ta' *res ipsa loquitur.* Fil-verita` lanqas il-kjamat fil-kawża li kellu kull interess li jagħmel dan ma kkontesta r-responsabilita`. L-azzjoni allura jidher li ġiet ipprovokata mill-fatt li l-kjamat fil-kawża, Frankie Refalo, il-proprjetarju tal-*garage* li mingħandu ġiet mikrija l-karozza li kien isuq il-konvenut qed jirrifjuta li jħallas id-danni

konsegwenzjali għall-inċident sofferti mill-attur dan avolja l-vettura li kienet ġiet mikrija mingħandu lil Mario Debono bħala *hirer* u lill-istess Caruana bħala *additional driver* kienet *comprehensively insured*;

L-ewwel talba ta' l-attur tirriżulta għalhekk ammessa u għandha tiġi milqugħa;

It-tieni talba li tirrigwarda d-danni konsegwenzjali għall-inċident ġiet eżaminata mill-Perit Legali li wasal mill-provi dokumentarji, riċevuti u *invoices* biex jillikwida dawn id-danni fl-ammont komplessiv ta' Lm651.60,0. Anke dan l-ammont mhux ikkontestat bl-ebda mod la mill-konvenut u lanqas mill-kjamat fil-kawża;

Jibqa' allura x'jiġi deċiż l-eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża illi hu (fil-fatt bi żball kiteb il-konvenut) ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-inċident stradali u li ma hu responsabbli għal xejn fil-konfront ta' l-attur. Eċċezzjoni insostenibbli għal kollox;

Infatti jirriżulta ppruvat illi l-karozza involuta fl-inċident misjuqa mill-konvenut Caruana kien krieha minn Frank's Garage ċertu Mario Debono fit-23 ta' Awissu, 1986. Il-kjamat fil-kawża jaċċetta li kien hu bħala proprjetarju *tal-garage li mela l-ftehim li* kien għamel dan Debono biex kera l-karozza f'dik il-ġurnata. Dan il-ftehim jistipula illi l-konvenut Paul Caruana seta' jsuq din il-karozza bħala *additional driver*. Iddikjara li l-istess Caruana kellu <u>20 sena</u> kif fil-fatt kellu u li l-vettura kienet qed tiġi mikrija bħala assigurata *fully comprehensive*, b'*excess* ta' l-ewwel Lm100 għall-kerrej;

Hu vverifikat illi d-dettalji kollha mogħtija mill-kerrej fuq dan il-ftehim kienu korretti. Ma hemm l-ebda dubbju allura illi mhux biss il-kjamat fil-kawża meta kera l-karozza lil Debono kien jaf illi l-konvenut bħala *additonal driver* kellu biss 20 sena u mhux 21 sena imma wkoll illi kien qed jobbliga ruħu li jassigura *comprehensive* din il-vettura kontra kull danni ta' terzi avolja din setgħet tiġi - kif ġiet - misjuqa minn persuna taħt il-21 sena. Dana irrispettivament mill-kundizzjonijiet li kien hemm imposti fil-polza ta' assigurazzjoni li kienet attwalment tkopri l-vettura mas-soċjeta` assikuratriċi Legal and General Accident li naturalment ma kinitx parti f'dan il-ftehim. Il-kjamat fil-kawża infatti kien konxju minn dan il-fatt u xehed b'mod skjett u kategoriku: "Il-karozza għalija kienet inxurjata *fully comprehensive.* Dwar jekk kinitx hekk fil-fatt jista' jgħid tal-Wembley Garage (li mingħandu l-kjamat fil-kawża ħa l-karozza bħala aġent). Mill-formola (li mela hu stess) jirriżulta li hekk hu, li kienet *fully comprehensively insured*". Mela kienu x'kienu r-relazzjonijiet interni bejn il-kjamat fil-kawża, il-prinċipal tiegħu l-Wembley Garage, u l-kumpannija assikuratriċi Legal and General, jibqa` l-fatt illi bejn il-kjamat fil-kawża u l-konvenut kien hemm kuntratt ta' assigurazzjoni komprensiva li kienet tkopri anke s-sewqan mill-konvenut Paul Caruana avolja dan kellu biss, kif iddikjarat, 20 sena. Bl-ebda mod ma jista' jiġġjova lill-kjamat fil-kawża l-fatt li fil-polza ta' assigurazzjoni kien hemm minimu ta' eta` ta' 21 sena biex il-polza tkun tkopri validament, kif lanqas jista' jinvoka bħala ġustifikazzjoni l-injoranza ta' din il-klawsola da parti tiegħu. Ċertament il-kerrej ma kien jaħti xejn. Ir-responsabilita` tal-kjamat fil-kawża għalhekk toħroġ kemm mill-kuntratt ta' kiri li bih hu kien obbliga ruħu li jipprovdi *comprehensive cover* lill-kerrej kif ukoll mil-liġi - l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur għar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) u l-Att VII ta' l-1990;

Huma għalhekk ukoll validi l-konsiderazzjonijiet tal-Perit Legali fir-rigward tar-responsabilita` kważi-delittuża tal-kjamat fil-kawża għall-pagament tal-ħsarat li kellhom ikunu koperti bil-polza ta' assigurazzjoni kif skond minnu ddikjarat:

"25. Jirriżulta illi l-kjamat fil-kawża kien fil-pussess tal-vettura H-1220 u krieha lill-konvenut u lil sieħbu *mingħajr ma ta każ li* dawn ma kellhomx l-eta` rikjesta mill-polza ta' l-assigurazzjoni tal-vettura *self drive*. B'konsegwenza ta' dan in-nuqqas da parti tal-kjamat fil-kawża, il-konvenut ma kienx kopert b'assikurazzjoni li tagħmel tajjeb għall-ħsara li ġarrbet il-vettura S-8411, proprjeta` ta' l-attur, fl-inċident stradali li ġara fl-24 ta' Awissu, 1986 fi Triq l-Imġarr, Vittorja, Għawdex;

26. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' *prudenza* jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara *li tiġri minħabba f'hekk* (artikolu 1033, Kodiċi Ċivili). In-nuqqas ta' ħsieb tal-kjamat fil-kawża li spiċċa fi ksur tal-liġi (Kap. 140) ma ħalliex lill-attur jitħallas mingħand is-soċjeta` assikuratriċi tal-karozza li daħlet fih. Għalhekk, il-kjamat fil-kawża huwa responsabbli għall-ħsara flimkien mal-konvenut li materjalment ikkaġunaha" (Paġna 14 tar-relazzjoni);

"Illi skond l-artikolu 1076 "kull min, bil-ħsieb, jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni .... jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, huwa obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk". Issa l-imsejjaħ fil-kawża kiser l-obbligu tiegħu li, qabel ma jagħti l-karozza għall-kiri *self-drive*, huwa jassikuraha skond ma jippreskrivi l-artikolu 3(1) ta' L-Ordinanza XXXVI ta' l-1939. Minħabba li dina l-assikurazzjoni

ma kinitx għadha saret fil-waqt ta' l-inċident, l-attur ma setax jitħallas tal-ħsara li sofra; u billi l-iskop animatur ta' dik il-liġi, huwa li jiġi assikurat il-ħlas tad-danni lil min isofrihom, derivanti mill-kolliżjoni ta' karozzi, u l-attwazzjoni ta' dan l-iskop ġiet iffrustrata bi ħtija ta' l-imsejjaħ fil-kawża huwa rrenda ruħu responsabbli ta' dawk id-danni daqs li kieku kkaġunahom huwa stess direttament (Kollez. XXXIV - II - 581), u tagħhom huwa responsabbli solidalment ma' min ikkaġuna materjalment dawk id-danni Kollez. XXXIV - II - 605) u dana anke għaliex il-biċċa tad-danni li kull wieħed minnhom ikkaġuna bl-għemil tiegħu ma tistax tiġi stabbilita (artikolu 1093 Kodiċi Ċivili) (**Carmelo Schembri** ***vs*** **John A. Davies** ***et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' Ġunju, 1955);

"Meta l-karozza ma tkunx hekk assikurata, huwa responsabbli għad-danni derivanti minn kolliżjoni mhux biss dak li jikkaġuna direttament u materjalment il-ħsara, jiġifieri dak li kien qiegħed jagħmel użu mill-karozza, imma anke dak li jkun naqas li jassikura l-vettura; u din ir-responsabilita' hija solidali b'mod li min isofri l-ħsara jista' jdur għall-ħlas tagħha kontra min irid hu, jiġifieri tant kontra l-wieħed jew l-ieħor" (vol. XXXIV - P. III - 605);

Din is-solidarjeta' pero', fil-fehma tal-Qorti, testendi biss sa l-ammont illi skond il-polza il-kjamat fil-kawża kien tenut illi jagħmel tajjeb u ċjoe' f'dan il-każ għall-ammont kollu barra l-Lm100 *excess*. F'dan is-sens il-Qorti tifhem li għandha temenda l-konklużjoni peritali jiġifieri l-konvenut għandu jiġi ritenut responsabbli fil-konfront ta' l-attur ta' l-ammont kollu likwidat bħala danni konsegwenzjali għall-inċident waqt li l-kjamat fil-kawża għandu jiġi ritenut responsabbli *in solidum* miegħu għal dan l-ammont kollu minbarra l-Lm100 li għandu jkun ammont dovut personalment u unikament mill-konvenut;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi prevja l-akkoljiment tar-relazzjoni peritali bil-modifika msemmija, tiddikjara li l-inċident meritu tal-kawża li ġara fl-24 ta' Awissu 1986 seħħ unikament bi ħtija tal-konvenut li naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku u kien negliġenti u traskurat fis-sewqan tiegħu. *Tillikwida* d-danni konsegwenzjali għall-inċident fis-somma ta' Lm651.60,0; tikkundanna lill-konvenut u lill-kjamat fil-kawża li jħallsu minn dan l-ammont solidalment bejniethom lill-attur is-somma ta' Lm551.60,0 waqt li tikkundanna lill-konvenut iħallas waħdu lill-attur l-ammont bilanċjali ta' Lm100 *excess*;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi għandhom jitħallsu mill-kjamat fil-kawża li pprovoka din l-istanza.